MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 1285/2002/1

**Johannes Tromp**
**v.**
**Master Builders (Malta) Ltd**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

Dan huwa appell minn sentenza preliminari dwar responsabbilita` ghal incident industrijali u danni konsegwenzjali moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta’ Marzu, 2005 intavolat a tenur ta’ l-Artikolu 231(1) tal-Kap. 12 wara li talba maghmula mis-socjeta` konvenuta giet milqugha b’digriet tas-16 ta’ Marzu, 2005.

Bis-sentenza imsemmija l-Qorti ta’ Prim Istanza kienet sabet is-socjeta` konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li sehh nhar is-16 ta’ Marzu, 2002 fejn wegga’ l-attur u dana minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti ta’ l-istess socjeta` konvenuta.

F‘dawn il-proceduri istitwiti f’sede civili l-attur kien ippremetta illi huwa impjegat mas-socjeta` kummercjali konvenuta; illi nhar is-16 ta’ Marzu, 2002, waqt il-qadi ta’ l-impieg tieghu mas-socjeta` konvenuta, wegga’ meta gie midrub minn folja kbira ta’ l-injam ossia *thick plywood shutter*; illi minhabba tali incident huwa qieghed isofri minn dizabilita` permanenti hekk kif iccertifika Mr Charles J. Grixti u dana skond ir-rapport mediku anness mac-citazzjoni bhala Dokument “JT1” u dana hekk kif ukoll se jkollu l-opportunita` illi jipprova waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna; illi l-imsemmi incident sehh unikament tort tas-socjeta` konvenuta u dana minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti ta’ l-istess socjeta` konvenuta; illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament interpellata sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas ta’ danni mill-attur, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti; dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara lis-socjeta` konvenuta bhala unikament responsabbli ghall-incident hawn fuq imsemmi;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur;

3. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma hekk likwidata lill-attur.

Bl-ispejjez u bl-imghax u rapprezentanti diretturi tas-socjeta` konvenuta minn issa ngunti in subizzjoni.

B’nota pprezentata fit-3 ta’ Frar, 2003 is-socjeta` konvenuta kienet eccepiet li:

1. L-ewwel talba ta’ l-attur ghandha tkun michuda stante li l-incident *de quo* ma garax htija tas-socjeta` konvenuta.

2. It-tieni talba ta' l-attur ghandha tkun respinta wkoll billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur tieghu.

3. Isegwi ghalhekk li anke t-tielet talba ghandha tigi rigettata stante li s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex tkun kundannata thallas danni lill-attur.

**Konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti.**
Fis-sentenza hawn fuq imsemmija l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi kif inghad, il-Qorti trid tiddeciedi dwar ir-responsabbilita` ta' l-incident li fih wegga' l-attur. L-attur ippresenta affidavit u ressaq xi xhieda. L-ebda wiehed minn dawn ix-xhieda pero` ma kien prezenti meta gara l-incident u ghalhekk ma rawhx jigri. L-attur da parti tieghu xehed hekk;

"*I moved towards the edge of the lift shaft and bent over in order to secure the ladder further before desceding to the lower level. All I remember is the fact of bending over the edge of the lift shaft. David Sammut subsequently informed me that while I was bending over, the shutter he had been working on collapsed and fell over me. He even called out to me but I submit that I do not remember what happened because I lost consciousness immediately. I submit further that I regained consciousness once I was being placed on a stretcher and transported into the ambulance that had arrived on the site.*"

"Is-socjeta` konvenuta ma ressqitx provi u l-argument principali huwa li ladarba l-attur ma ressaq ebda prova skond il-ligi li b'xi mod hija tahti ghall-incident, it-talba attrici ghandha tigi respinta.

"Huwa minnu li f'kawza civili huwa normalment l-attur li ghandu l-oneru li jressaq il-prova – *onus probandi incumbit ei qui dicit.* Dan huwa principju sagrosant li hu rifless f'diversi sentenzi illi accenna ghalihom l-abbli difensur tas-socjeta` konvenuta fit-trattazzjoni tieghu, fosthom Lenicher v. Camilleri (Prim Awla – 1972), Zammit

v. Petrococchino (Appell – 1952), Borg vs MMU (Prim Awla – 1981) u Bezzina v. Falzon (Appell – 1995).

"Kif ukoll korretement indika l-istess difensur, "*Fejn l-assjem tal-provi hu tali li l-verzjonijiet tal-kontendenti huma hekk bilancjati li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli u veritjiera u ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra ma jiqbax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzzjoni li l-attur ma jkunx issodisfa t-talbiet tieghu.* (Rausi v. Muscat deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru, 1992).

"Wiehed irid jara allura jekk f'dan il-kaz japplikawz ghal kollox dawn il-principji. Dan ghaliex huwa veru li skond kif argumenta d-difensur tas-socjeta` konvenuta l-attur ma kellu ebda spjegazzjoni kif gara l-incident hlief dak li qallu certu David Sammut li kien ghadu kif ta l-istruzzjonijiet u qallu li waqghet *shutter* fuqu u huwa baqa' niezel 'l isfel. Madankollu dan Sammut li jidher li wiehed minn dawk li jmexxu s-socjeta` konvenuta, ma giex prodott bhala xhud.

"Hemm pero` zewg fatturi li jimmilitaw kontra t-tezi rigida li ressqet is-socjeta` konvenuta fid-difiza taghha. L-ewwelnett skond l-Artikolu 599 tal-Kapitolu 12, "*il-Qorti tista', skond ic-cirkostanzi, tippermetti xhieda fuq kliem haddiehor u tiehu qies taghha, meta dan l-istess kliem ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali fuq il-merti tal-kaz jew ikun jaghmel parti mill-mertu ….*". Din hija naturalment eccezzjoni ghall-principju li xhieda hekk imsejjha *hearsay* jew *detto del detto* m'hijiex ammissibli. Huwa minnu li kien ikun ahjar kieku l-imsemmi David Sammut gie prodott izda min-naha l-ohra s-socjeta` konvenuta ma talbitx lanqas l-isfilz ta' dik il-parti ta' l-affidavit ta' l-attur fejn issemma l-kliem li Sammut qal lill-attur. Allura wiehed jista' jikkonkludi li l-incident gara bil-mod imsemmi minnu lill-attur u cioe` li waqghet fallakka fuq l-attur li allura baqa niezel 'l isfel.

"Hemm ukoll raguni ohra ghala l-Qorti sejra tilqa' t-talba ta' l-attur, u dan ghaliex f'kawzi simili jidher mill-

gurisprudenza kostanti li ghalkemm il-Qrati taghna qatt ma qalu espressament li f'kaz ta' incident fuq post tax-xoghol l-oneru tal-prova jinkombi fuq il-konvenut u allura l-principju li l-attur irid jaghmel il-prova hu jigi sovvertit, l-istess gurisprudenza terssaq hafna vicin dan il-kuncett. Dan ghaliex gie kostantement ripetut li "*Il-Ligi taghna in materja giet zviluppata mill-Qrati taghna fi skorta ta' decizjonijiet u in partikolari l-obbligu mpost mil-Ligi u regolamenti fuq min ihaddem biex jipprovdi sistema sikura ghall-impjegati tieghu. B'dana wiehed jifhem li kull min ihaddem kellu jsegwi r-regolamenti dwar l-iskansar mill-infortunji fuq il-post tax-xoghol billi jipprovdi sistema tali li tassigura illi x-xoghol isir bil-galbu, minghajr pressjoni zejda u fuq kollox b'responsabilita` u b'mezzi idoneji. Mhux hekk biss in kwantu jehtieg li jkun assigurat li dawn l-istess mezzi (makni, apparati, ghodod ecc) ikunu l-hin kollu mantenuti fi stat li jibqghu safe.*" (Busuttil v. Meilaq nomine deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Dicembru, 2002). Dan it-tip ta' ragunament wiehed isibu fis-sentenzi ta' din il-Qorti fil-kawzi fl-ismijiet Spiteri v. Waste Control Services Limited (25 ta' Jannar, 2000) u Cini v. Cacopardo nomine (5 ta' Ottubru, 1999).

"Il-fatt allura li ma hemmx dubbju li l-incident gara u la kien tort ta' l-attur u lanqas minn xi att straordinarju tan-natura, ifisser li s-socjeta` konvenuta, li ma gabet ebda prova li dan kien il-kaz, ghandha tigi ritenuta responsabbli ghall-incident u kellha tkun hi tipprova li kellha sistema sikura ta' xoghol. Maghdud ma' dak li intqal qabel, l-unika raguni ghaliex l-attur waqa' kienet li l-konvenuti ma kellhomx sistema sikura ta' xoghol ghaliex ma hemm ebda raguni ohra ghaliex fallakka ghandha taqa' fuq haddiem."

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors intavolat fid-29 ta' Marzu, 2005 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-istess sentenza billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni taghha u tichad l-ewwel talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur.

L-atturipprezenta risposta fejn, filwaqt li ddikjara li s-sentenza appellata hija gusta, talab li tigi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

**L-aggravji tas-socjeta` konvenuta.**
Is-socjeta` konvenuta ressqet bazikament erba' aggravji u cioe`:-

a) Li l-Ewwel Qorti laqghet l-ewwel talba ta' l-attur fuq insufficjenza totali u lampanti ta' provi li wahdehom ma setghu qatt iwasslu ghas-sejbien tal-htija sal-grad li trid il-ligi u cioe` dak tal-bilanc ta' probabilitajiet.

b) Li l-Ewwel Qorti ma kellhiex taccetta "hearsay evidence" b'mod li ppregudika lill-esponenti.

c) Li fis-sostanza l-Ewwel Qorti, bla raguni guridikament accettabbli, invertiet l-oneru tal-prova minn fuq l-attur ghal fuqha.

d) Fic-cirkostanzi, l-applikazzjoni manifestament inkorretta tal-ligi f'materja ta' prova [kif interpretata mill-Qrati taghna] wasslet lill-Ewwel Qorti sabiex minflok tichad l-ewwel talba ta' l-attur ghaliex dan ma rnexxielux jaghmel il-prova tal-htija ta' l-esponenti li kienet tinkombi fuqu sabiex setghet tkun akkolta l-ewwel talba sabet li l-htija kollha tas-sinistru kienet ta' l-esponenti fuq konsiderazzjonijiet erronei u ingusti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**
Minn qari akkurat tar-rikors ta' l-appell jidher li l-aggravju principali tas-socjeta` konvenuta kontra s-sentenza appellata huwa msejjes fuq l-insufficenza ta' provi billi qeghed jinghad li ma tressqu ebda provi minn naha attrici in sostenn tat-talba fic-citazzjoni u li, fi kwalunkwe kaz, dik il-prova konsistenti f'*dictum de dicto* u cioe` ta' dak li allegatament qal David Sammut, ma ghandhiex tittiehed bhala prova. F'dan il-kontest qeghed jinghad ukoll li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta invertit l-oneru tal-prova.

Kif qalet sewwa l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tat-13 ta' Jannar, 1988 fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Mary Vella**

**et v. Il-Kummissarju tal-Pulizija**” – “*Il-principju generali li jirregola l-materja tal-‘hearsay evidence’ (u dak li qed ighid l-imsemmi xhud jammonta ghal ‘hearsay evidence’) jinsab stabbilit fl-artikolu 598 (1) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 Edizzjoni Riveduta 1984) fejn jinghad li ‘bhala regola l-Qorti ma tihux qies ta’ xiehda dwar fatti li x-xhud jghid li gie jafhom minghand haddiehor jew li qalhom haddiehor li jista’ jingieb biex jaghti xiehda fuq dawk il-fatti.*”

F’dik is-sentenza l-Qorti Kostituzzjonali kompliet hekk: “*Ghal dan il-principju l-ligi stess taghmel diversi eccezzjonijiet fl-artikolu 599 ta’ l-imsemmi Kodici fejn jinghad inter alia illi ‘l-Qorti tista’, skond ic-cirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem haddiehor u tiehu qies taghha meta dan l-istess kliem haddiehor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawza jew jaghmel parti mill-mertu; inkella meta dan haddiehor ma jkunx jista’ jingieb biex jixhed u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistghu jigu ppruvati xort’ ohra ….”*

Barra minn dan il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fuq imsemmija ma sabet ebda xkiel ghall-ammissjoni ta’ ‘*hearsay evidence*’ minhabba l-pregudizzju li jista’ jkun hemm ghal kontro-parti minhabba li ma jkunx jista’ jsir l-kontro-ezami.

Issa fil-kaz in ezami s-socjeta` konvenuta tirrileva l-karenza ta’ provi biex jissostanzjaw t-talba attrici. Din il-karenza hija rizultat tal-fatt li fl-incident l-attur intilef minn sensieh u kull ma jiftakar huwa dak li gara immedjatament qabel l-akkadut. Cirkostanza din li ma titfa’ ebda dell fuq l-agir ta’ l-istess attur u li minnha din il-Qorti tkun tista’ tiddezumi xi fatti li jimmilitaw kontra t-talba attrici. B’dana kollu l-attur ghamel referenza ghal dak li intqal lilu minn persuna li kienet prezenti waqt l-incident u l-ewwel Qorti hasset li din id-dikjarazzjoni kienet taghmel prova u ddecidiet konformement.

Minn ezami ta’ l-Artikolu 599 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jidher car li, ghal dik li hija ammissibilita` ta’ ‘*hearsay*’, il-legislatur jaghmel distinzjoni

netta bejn zewg sitwazzjonijiet differenti. Fl-ewwel lok insibu dak id-dritt diskrezzjonali li inghata lill-gudikant li jippermetti tali xiehda "*meta dan l-istess kliem haddiehor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawza*" u f'dan il-kaz huwa fl-arbitriju tal-gudikant li jippermetti tali prova u hadd izjed. Mentri l-istess artikolu jipprospetta cirkostanza ohra fejn din ix-xhieda tkun ammissibbli bhala prova u cioe` meta "*dan haddiehor ma jkunx jista' jingieb biex jixhed…*" Ma jirrizultax li dawn is-sitwazzjonijiet jikkwalifikaw wahda lill-ohra. Ghalhekk ma jidhirx li l-ewwel Qorti applikat il-ligi hazin meta, fid-diskrezzjoni taghha ammettiet bhala prova dak li l-attur qal li qallu David Sammut.

Ghandu jinghad ukoll li, kif korrettament osservat l-ewwel Qorti, qatt ma saret talba ghall-isfilz ta' dik il-parti tax-xhieda ta' l-attur li tammonta ghal '*dictum de dicto*' u barra minn hekk din il-Qorti hija tal-fehma li, s-socjeta` konvenuta, kienet fil-liberta kollha li tressaq lil dan ix-xhiud hija stess jekk deherilha li kellu jigi kontradett dak li kien sostna l-attur.

Dan stabbilit din il-Qorti ma tara xejn li ghandu jigi censurat fid-decizjoni ta' l-ewwel Qorti dwar ir-responsabbilita` ghall-akkadut billi l-fatt innifsu li waqat fallakka fuq l-attur, kif qallu David Sammut, huwa indikazzjoni cara li l-ambjent tax-xoghol ma kienx tajjeb.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi michud bl-ispejjez kontra taghha u din il-Qorti tordna li l-atti jintbaghtu lura quddiem l-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni tal-gbir tal-provi u ghall-decizjoni fuq it-tieni u t-tielet talbiet attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------